TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/136/20/S

Marisa Bonavia
vs
Portelli & Brincat Ltd

Illum 4 ta'Marzu,2021.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta'Marisa Bonavia pprezentata fil-25 ta'Settembru,2020 filwaqt li s-socjeta Portelli & Brincat Ltd, ghalkemm debitament notifikata, baqghet la pprezentat risposta u lanqas deheret ghas-seduta li saret;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lir-rikorrenti;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'blinds' li nhaddmu jew qosra jew b'qisien hziena jew bi drapp li r-rikorrenti m'ghazlitx;

Illi jinghad mal-ewwel li s-socjeta intimata naqset milli twiegeb ghat-talba ta' Marisa Bonavia u lanqas deheret ghas-seduta li saret;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik ta' Marisa Bonavia li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mis-socjeta intimata;

Illi n-nuqqas ta' dehra tas-socjeta intimata ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti spjegat u pprezentat rendikont mat-talba taghha, kif waslet ghat-talba ta' €749.34;

Illi min-naha l-ohra ebda rapprezentant tas-socjeta intimata ma deher biex jitfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex jaghti l-verzjoni tal-istess socjeta;

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz u kif spjegat mir-rikorrenti, l-ammont ta' €749.34 hu gustifikat;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Marisa Bonavia u Jordna lis-socjeta Portelli & Brincat thallas lil Marisa Bonavia s-somma ta' €749.34 filwaqt li jistghu jigu migbura is-sitt 'binds' li huma hziena mis-socjeta intimata. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata Portelli & Brincat Ltd.

Richard Sladden Av.
Arbitru